— tannulla d-deċiżjoni kkontestata inkwantu rrikonoxxiet il-karattru distintiv tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 9 943 135 "Crédit Mutuel" għal ċerti prodotti fil-klassijiet 9, 16, 36, 38, 42 u 45;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 52(1)(a) moqri flimkien mal-Artikolu 7(1)(b) u (c) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' Jannar 2018 – Lillelam vs EUIPO – Pfaff (LITTLE LAMB)**

**(Kawża T-18/18)**

(2018/C 094/41)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Lillelam A/S (Oslo, in-Norveġja) (rappreżentant: N. Köster, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Nick Pfaff (Ammanford, ir-Renju Unit)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni "LITTLE LAMB" – Trade mark tal-Unjoni Nru 8 121 675

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-7 ta' Novembru 2017 fil-Każ R 536/2017-2

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tirrevoka t-trade mark tal-Unjoni Nru 8 121 675 "LITTLE LAMB" għall-inqas għall-"Ħwejjeġ" u "Aċċessorji għall-ħwejjeġ"

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 58(1)(a) u tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament 2017/1001.

---

**Rikors ippreżentat fid-19 ta' Jannar 2018 – Nova Brands vs EUIPO – Natamil (Natamil)**

**(Kawża T-23/18)**

(2018/C 094/42)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti* Nova Brands SA (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentant: V. Wellens, lawyer)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Natamil GmbH (Munich, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* ir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark li tindika l-Unjoni Ewropea fir-rigward tat-trade mark verbali "natamil" – Reġistrazzjoni internazzjonali Nru 1 235 069 li tindika l-Unjoni Ewropea

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-25 ta' Ottubru 2017 fil-Każ R 1910/2016-1

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;

— Ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009 u tal-Artikolu 296 TFUE dwal l-obbligu ta' motivazzjoni.

---

## Rikors ippreżentat fl-20 ta' Jannar 2018 – adidas International Trading *et* vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-24/18)

(2018/C 094/43)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* adidas International Trading BV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi), Gabor Footwear GmbH (Rosenheim, il-Ġermanja), Gabor Shoes AG (Rosenheim), HR Online GmbH (Osnabrück, il-Ġermanja), Nike European Operations Netherlands BV (Hilversum, il-Pajjiżi l-Baxxi), Timberland Europe BV (Almelo, il-Pajjiżi l-Baxxi), Wolverine Europe BV (Amsterdam), Wolverine Europe Ltd (London, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: E. Vermulst u J. Cornelis, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1982 tal-31 ta' Ottubru 2017 li jimponi mill-ġdid dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tipi ta' żraben bil-parti ta' fuq tal-ġilda li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Vjetnam u prodotti minn Dongguan Luzhou Shoes Co. Ltd, Dongguan Shingtak Shoes Co. Ltd, Guangzhou Dragon Shoes Co. Ltd, Guangzhou Evervan Footwear Co. Ltd, Guangzhou Guangda Shoes Co. Ltd, Long Son Joint Stock Company u Zhaoqing Li Da Shoes Co., Ltd, u li jimplimenta s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi Magħquda C-659/13 u C-34/14 (ĠU 2017 L 285, p. 14); u

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea tbati l-ispejjeż tar-rikorrenti.